MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Numru 741/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Nabil Belkadi, iben Salah Mohamed, imwieled l-Alġerija
fid-9 ta’ marzu, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin ukoll fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. talli ġewwa tas-Sliema, fit-18 ta’ awissu, 2007 f’xi ħin bejn is-2.00 p.m. u it-3.30 p.m., waqt li kien qiegħed ix-Xatt li hemm taħt il-Ġnien Indipendenza, Triq it-Torri, Sliema, ikkometta serq ta’ diversi oġġetti fosthom ‘camera’ diġitali ta’ l-għamla Sony li tiswa Euro3,000, Lm18 flus kontanti, kif ukoll żewġ ‘credit cardds’ tal-ING Bank u

Maestro Card, għad-dannu ta’ Monika Anna Samczuk u Marcin Samczuk ta’ nazzjonalita’ polakka;
2. talli ġewwa l-Belt, Valletta, fit-18 ta’ awissu, 2007 f’xi ħin wara t-3.30 p.m. ikkometta serq ta’ aktar minn Lm500 billi għamel użu lleċitu mill-‘credit cards’ li seraq aktar kmieni dak il-jum minn ġewwa tas-Sliema u dan sar għad-dannu ta’ l-imsemmija Monika Anna Samczuk u Marcin Samczuk ta’ nazzjonalita’ polakka;
3. talli ġewwa San Pawl il-Baħar, fl-1 ta’ lulju, 2007 f’xi ħin bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. waqt li kien fuq il-bajja fi Triq Dawret il-Gżejjer, Buġibba kkometta serq ta’ ‘camera’ diġitali ta’ l-għamla Canon valur Kroner Svediż 2,000, liema serq sar għad-dannu ta’ Emma Elvira Asserlind u/jew persuni oħra;
4. talli ġewwa tas-Sliema fid-9 ta’ lulju, 2007 f’xi ħin bejn in-12.30 p.m. u is-2.00 p.m. waqt li kien fuq ix-xatt ta’ Triq it-Torri kkometta serq ta’ basket b’diversi oġġetti, fosthom ‘camera’ diġitali ta’ l-għamla Canon u mobile phone ta’ l-għamla LG, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-Lm100 li sar għad-dannu ta’ Mar Moreno Gomez u/jew persuni oħra;
5. talli ġewwa tas-Sliema fit-23 ta’ awissu, 2007 f’xi ħin bejn id-9.20 a.m. u is-6.00 p.m. waqt li kien qiegħed ix-xatt ta’ l-Exiles, Triq it-Torri, ikkometta serq ta’ basket b’diversi oġġetti fosthom mobile phone ta’ l-għamla Nokia li sar għad-dannu ta’ Nicholas Cassar Parnis;
6. talli ġewwa tas-Sliema fl-24 ta’ awissu, 2007 f’xi ħin bejn is-7.15 p.m. u it-8.15 p.m., waqt li kien qiegħed ġewwa l-bajja ta’ Fond Għadir, Triq it-Torri, ikkometta serq ta’ haversack b’diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-Lm100 għad-dannu ta’ Fr. Louis John Caruana;
7. talli ġewwa tas-Sliema fit-2 ta’ settembru, 2007 f’xi ħin bejn it-3.00 p.m. u l-4.00 p.m., waqt li kien fil-bajja ta’ l-Exiles, ikkometta serq ta’ mobile phone ta’ l-għamla Nokia 1112, kif ukoll kartiera li kien fiha Lm15 għad-dannu ta’ Andrew O’Reilly;
8. talli ġewwa tas-Sliema li żminijiet differenti matul ix-xahar ta’ awissu, 2007 ikkometta serq ta’ mobile phone ta’ l-għamla Sony Ericcson u ‘camera’ diġitali ta’ l-għamla Canon, liema serq sar għad-dannu ta’ persuni mhux magħrufa;

9. talli ġewwa l-Belt, Valletta matul ix-xahar ta' awissu, 2007 ikkometta serq ta' mobile phone ta' l-għamla Samsung liema serq sar għad-dannu ta' persuni mhux magħrufa;
10. talli fil-Floriana fit-3 ta' settembru, 2007 għal ħabta tas-2.00 p.m. bħala persuna mizmuma skond il-liġi fil-lock up tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u qiegħed jiġi eskortat, ħarab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' settembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' settembru, 2007 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkolabora bi sħiħ.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 151, 261(ċ), 267, 279(a) u 284 tal-Kodiċi Kriminali. Qieset l-ammissjoni bikrija u li l-imputat ikkolabora mal-pulizija. Tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Billi l-imputat għandu problema ta' droga tħejjeġ lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jagħmel dak kollu possibbli biex l-imputat jingħata l-għajnuna kollha possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------